

31998R0282

4.2.1998

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 28/5

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 282/98**tat-3 ta' Frar 1998****li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2568/91 dwar il-karatteristiċi taż-żejt taż-żebbuġa u l-fdalijiet taż-żejt taż-żebbuġa u dwar il-metodu rilevanti ta' l-analiżi**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill Nru 136/66/KEE tat-22 ta' Settembru 1966 dwar it-twaqqif ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq taż-żjut u x-xaħmijiet ⁽¹⁾, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1581/96 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 35 tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2568/91 ⁽³⁾, kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament (KE) Nru 2472/97 ⁽⁴⁾, jiddefinixxi l-karatteristiċi taż-żejt taż-żebbuġa u l-fdalijiet taż-żejt taż-żebbuġa u l-metodi rilevanti ta' l-analiżi;

Billi verifika sussegwenti uriet il-ħtieġa biex jitranġa t-test tar-Regolament (KE) Nru 2472/97; billi, bħala riżultat, it-test tar-Regolament (KEE) Nru 2568/91 irid jiġi adattat;

Billi r-Regolament (KE) Nru 2472/97 jidħol fis-seħħ fis-60 jum wara l-publikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, jiġifieri fl-10 ta' Frar 1998; billi dan ir-Regolament irid ukoll jidħol fis-seħħ f'dik id-data;

Billi l-miżuri li hemm provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għaż-Żjut u x-Xaħmijiet,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Figuri 1, 2, 3 u 4 annessi ma' dan ir-Regolament huma b'dan miżjuda ma' l-Anness XVIII tar-Regolament (KEE) Nru 2568/91.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-10 ta' Frar 1998.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Brussel, it- 3 ta' Frar 1998.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni


⁽¹⁾ ĠU C 172, tat-30.9.1966, p. 3025/66.

⁽²⁾ ĠU L 206, tas-16.8.1996, p. 11.

⁽³⁾ ĠU L 248, tal-5.9.1991, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 341, tat-12.12.1997, p. 25.

ANNESS

Figura 1: Graph ta' $\log \alpha$ kontra f (numru ta' bonds doppji)

Nota: La = aċtu lauric My = aċtu myristic P = aċtu palmitic St = aċtu stearic O = aċtu oleic
 L = aċtu linoleic Ln = aċtu linolenic.

Figura 2: Żejt ta' Soyabean




Figura 3: Żejt tas-soyabean/żejt taż-żebbuġa 30/70




Figura 4: Żejt taż-żebuga

